MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2013

Numru. 920/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Micallef**

**vs**

**Noel Calleja**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Noel Calleja ta’ 31 sena, iben il-mejjet Joseph u Lucia xebba Salerno, mwieled Pieta’ fid-29 ta’ Dicembru 1979, residenti gewwa l-fond Binja Santa Venera, Block G, Flat 8, Triq l-Indipendenza, Santa Venera u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 044180M gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Nhar l-10 ta’ Lulju 2011, matul il-lejl u cioe’ ghall-habta tal-hdax u nofs ta’ bil-lejl, f’dawn il-Gzejjer u cioe’ gewwa Triq Sir Ugo Mifsud, Ta’ Xbiex, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jpoggi l-hajja ta’ Josianne Bonnici f’perikolu car, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni

ta’ dan id-delitt billi taha diversi daqqiet ta’ strument li jaqta’ u bil-ponta, liema delitt ma giex esegwit minnhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta tieghu ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, permezz ta’ strument li jaqta u bil-ponta, kkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ l-istess Josianne Bonnici, hekk kif iccertifikat minn Dr. M. Zammit M.D. (med. Reg. No 5256) mill-iSptar Mater Dei ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew id-delitt ta’ serq, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari (strument li jaqta u bil-ponta) ;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu, jew taht il-kontroll tieghu, u kif ukoll zamm strument li jaqta u bil-ponta minghajr licenzja mahruga lilu mill-Kummissarju tal-Pulizija ;

Sar recediv ai termini ta’ l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija lilu mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tigi mibdula jew imhassra.
Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija, tordna lill-akkuzat ihallas ghall-spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-Esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba illi f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna msemmija aktar ‘il fuq (Josianne Bonnici) u dan ai termini ta’ l-Artikolu 412C ta’ Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-Nota tal-Avukat Generali datata 19 ta’ Dicembru 2012 (esebita a fol. 203 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub ;

- Fl-artikoli 41 (1)(b), 211, 214, 215, 217, 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
- Fl-artikoli 214, 215, 217 u 218 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

- Fl-artikolu 6 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ;
- Fl-artikoli 55(a) u 56 tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ;
- Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
- Fl-artikoli 17, 31, 383, 412C u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tal-24 ta' Mejju 2013, l-imputat Noel Calleja ddikjara li hu m' ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-4 ta' Ottubru 2013 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat is-sottomissjonijiet maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza rigward il-piena;

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.
Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-gravita' tar-reati addebitati lill-imputat kif ukoll il-fatt li huwa recidiv u fic-cirkostanzi jidrilha li piena karcerarja effettiva tkun l-aktar piena idoneja.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tar-Rinviju ghall-Gudizzju tad-19 ta' Dicembru 2012 u senjatament l-Artikoli 17,

41(1)(b), 211, 214, 215, 217, 218, 49, 50 u 31 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 6, 55(a) u 56 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali l-Qorti tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perijodu ta' tlett(3) snin millum fejn il-persuna protetta hija Josianne Bonnici u dan skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' tlett mija u hames ewro u ghaxar centezmi (€305.10) liema ammont jirraprezenta l-spejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tas-sikkina li giet esebita waqt l-udjenza tat-30 ta' Marzu 2012.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------